MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2008

Appell Kriminali Numru. 149/2008

**Il-Pulizija**
**(Spt. Malcolm Micallef)**
**Vs**
**John Magro**
**Michael Attard**
**Paul Magro**
**Ian Magro**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli
1. lil John Magro, Michael Attard u Paul Magro fil-kapacita' taghhom ta' diretturi ta' Asfaltar Limited u lil Ian Magro fil-kapacita' tieghu ta' Plant Manager ta' l-istess kumpanija, liema kumpanija tinsab sitwata f'Hal-Far, talli fit-22 t'Ottubru, 2004, ghall-habta tas-06.45 p.m., fix-xhur ta' qabel, naqsu milli jharsu s-sahha w is-sigurta' ta' l-impjegati, w partikolarment tal-mejjet Christopher Farrugia mill-Qrendi, kif ukoll tal-persuni kollha li jistghu jigu

affetwati bix-xoghol, li jkun qed isir u dan billi naqsu milli jiehdu l-passi necessarji kollha sabiex jigi evitat dannu fiziku, korriment jew mewt fuq il-post tax-xoghol u dan ai termini ta’ l-artikolu 6(1) ta’ l-att 27/2000 Kap. 424;

2. fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi naqsu milli qabel ma jqabbdu jew joffru xi xoghol lil xi zghazugh u cioe’ lil Christopher Farrugia ta’ 16-il sena, bhala persuni li jhaddmu jaghmlu stima tal-perikli ghas-sahha w is-sigurta’ fuq il-post tax-xoghol li jista’ jkun hemm f’dak il-post tax-xoghol, u dak l-ezami ghandu jigi mtenni kull darba li jkun hemm xi kambjament kbir fil-kundizzjonijiet tax-xoghol. Naqsu wkoll li meta tkun qed issir din l-istima, bhala persuni li jhaddmu jqisu t-taghmir u l-firxa tal-post tax-xoghol u tal-post fejn isir ix-xoghol, ix-xorta, livell u zmien kemm wiehed idum espost ghal agenti fizici, kimici u bijologici, l-forma, x-xorta, l-varjeta w l-uzu ta’ taghmir tax-xoghol, inkluz kull makkinarju, apparat, ghodda jew oggetti uzati waqt ix-xoghol, u l-mod kif dawn jigu wzati, l-arrangamenti ta’ processi u operazzjonijiet ta’ xoghol, u l-mod kif dawn jigu kkombinati flimkien (organizazzjoni tax-xoghol) kif ukoll il-livell ta’ tahrig u taghlim moghti liz-zaghzugh u dan ai termini ta’ l-artikoli 3(1) u 3(2) ta’ A.L. 91/2000;

3. fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi, bhala persuni li jhaddmu naqsu milli jizguraw li kull zghazugh li jahdem maghhom jew li jkunu assenjawlu xi xoghol, u cioe’ lil Christopher Farrugia ta’ 16-il sena, ikun f’kull hin adewatament protett kontra kull riskju li jista’ jirrizulta mill-istima msemmija w jizguraw li x-xoghol assenjat lil dak iz-zghazugh ma jeccedix il-hila fizika jew psikologika ta’ dak iz-zghazugh, u ma jesponix lil dak iz-zaghzugh ghal xi wiehed mill-agenti kimici, fizici jew bijologici jew ghal xi agent iehor fiziku, kimiku jew bijologiku li jkun tossiku, karcinogeniku, jikkawza hsara genetika li tintiret, jikkawza hsara lil tarbija fil-guf, jew li b’kull mod iehor jolqot kronikament is-sahha tal-bniedem, ma jkunx jinvolvi riskju ta’ accidenti li, wiehed ghandu jassumi ma jkunux jistghu jintgharfu jew jigu evitati minn zghazagh minhabba f’li ma jaghtux attenzjoni bizzejjed ghas-sigurta’ jew minhabba fin-nuqqas ta’ esperjenza jew tahrig taghhom u ma jkunux jinvolvi riskju ghas-sahha minn temperature estremi ta’

kasha jew shana jew minn hsejjes jew vibrazzjonijiet dan ai termini ta’ l-artikolu 4(1) ta’ A.L. 91/2000.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-7 ta’ Mejju, 2008, li biha, wara li rat l-artikolu 6(1) ta’ l-att 27/2000 Kap 424, kif ukoll ir-Regolamenti 3(1), 3(2) u 4(1) ta’ l-Avviz Legali 91/2000, ma sabitx lill-appellati hatja ta’ l-akkuzi kif dedotti kontra taghhom u ghaldaqstant illiberathom.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fit-23 ta’ Mejju, 2008, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza w minflok issib lill-appellati hatja ta’ l-akkuzi kif dedotti kontra taghhom u tinfliggi l-piena skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, Avukat Generali, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe' :- Li l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat u rragonevoli tal-provi li tressqu quddiemha, peress li dan il-kaz huwa bazat fuq nuqqas tad-diretturi tas-socjeta' Asfaltar Limited, imputati f' dan il-kaz, milli jiehdu l-prekawzjonijiet kollha mehtiega mill-ligi sabiex jigu evitati korrimenti jew imwiet fuq il-post tax-xoghol skond id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 6 (1) tal-Kap.424 u *inter alia* r-Regolamenti 3, 4 u 6 tal-A.L. 91/2000. Dan ma kienx kaz dwar ir-responsabbilta' ghall-omicidju volontarju ta' Christopher Farrugia. Ma kienx sar "*risk assessment*" meta gie impjegat Farrugia b' mod generali li jkopri mhux biss ix-xoghol li kellu jaghmel izda wkoll il-post tax-xoghol kollu fl-interezza tieghu. Il-post minn fejn Farrugia kien ha l-l*ead* u t-*tester* ma kienx jissakkar. Li dan Farrugia, li kien maghruf li jiehu certi inizjattivi fuq il-post tax-xoghol, ma kienx ikollu supervizjoni. Li skond l-espert il-Professur Joseph Agius, fattur determinanti ghat-telf tal-hajja ta' Farrugia kien in-nuqqas jew falliment tal-funzjonament effettiv u f' waqthu tal-mezzi tal-protezzjoni kontra x-xokkijiet elettrici w cioe'

dak ta' *"residual circuit breaker"* li kull min ihaddem ghandu jipprovdi fuq il-post tax-xoghol. Anki jekk kienet in-negligenza tal-istess Farrugia li wasslet ghall-mewt prematura tieghu, n-nuqqasijiet riskontrati kienu mhux biss censurabbli izda jiksru r-regolamenti. Ghalhekk ghandu jirrizulta li Farrugia ma kienx protett fuq il-post tax-xoghol bil-mod li trid il-ligi.

Semghet il-provi mill-gdid fl-udjenza tas-16 t' Ottubru, 2008;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Illi l-provi mismugha mill-gdid minn din il-Qorti jistghu jigu sintetizzati kif gej:-

**DAVID SALIBA** , spettur mal-Awtorita' dwar is Sahha w Sigurta' fuq il-Post tax-Xoghol , xehed li fit-22 t' Ottubru, 2004, kien sehh incident fuq il-post tax-xoghol fejn kien jahdem certu Christopher Farrugia fis-sit ta' Asfaltar Limited, f' Hal Far, li fih tilef hajtu l-istess Farrugia, zaghzugh ta' 16 il-sena, li kien ha xokk elettrku. Farrugia kien jahdem f' dan l-impjant kbir bhala *labourer*. Il-*working hours* tieghu kien sa xit-3.30 p.m. - 4pm. Imma dak in-nhar dan kien baqa' hemm wara l-hin tax-xoghol mhux bhala *"overtime".* F' hin minnhom Farrugia, ghal xi raguni, kien dahal go speci ta' *container* li go fiha kien hemm il-*housing system* tas-sistema tad-dawl ghax ried jaghmel uzu minn xi *extension lead* biex jistartja xi *truck*. Sussegwenbtemet kien ippluggja l-*extension lead* go *three-pin plug* go din il-kamra. Peress li ma giex dawl, permezz ta' tornavit fetah il-plug tal-*extension lead* fuq barra w ha xokk u miet. Kien mar izarma l-*plug* meta dan kien *"live".* Mill-investigazzjoni li kienet saret irrizulta li din is-sistema kellha nuqqas ta' *circuit breaker*. Kieku kien hemm dan kien jaqta' d-dawl.

Sussegwentement kienu kellmu lill-appellat Ian Magro w staqsewh jekk kienx hemm *risk assessment* fuq l-impjant kif kien l-obbligu skond il-ligi fuq l-*employer.* L-iskop tar-

*risk assessment* hu li tidentifika l-perikoli biex tiehu l-mizuri biex dak il-perikolu tnaqqsu jew teliminah. Il-ligi titlob li meta timpjega zaghzugh ta' inqas minn 18 il-sena, trid taghmel *risk assessment ad hoc* ghalih, biex tidentifika x' perikoli dak iz-zaghzugh ser ikun espost ghalihom fuq il-post tax-xoghol. Ghalhekk jigi li l-*employers* ma hadux hsieb is-sahha w sigurta' ta' l-impjegati kollha u mhux biss ta' l-vittma tal-incident, Farrugia. Il-ligi tistipula li meta timpjega persuna ta' bejn l-eta' ta' 16 u 18 il-sena, ghandek tahtiha *training* u *supervision*. Daz-zaghzugh kien pjuttost fuq ruhu w pruzuntuz tant li kienu keccewh imma, wara talbiet li saru minn missieru, regghu dahhluh jahdem hemm.

Il-*process verbal* kien ezenta lill-appellati minn kull htija u ghalhekk il-Pulizja ma haditx passi kontra taghhom ghal-omicidju involontarju w li nuqqasijiet ta' *health and sasfety* biss kien hemm. Meta jkun hemm minuri impjegati irid isir *risk assessment* ghall-minuri skond l-Avviz Legali. Fil-fatt ma kienx xoghol Farrugia li jhaddem l-impjant li kien hemm go dal-*container*, pero' la darba kien hemm gew u kellu access ghalih, l-*employer* ghandu d-dmir li jipprotegieh. Il-kamra kienet miftuha w kellu access ghaliha kullhadd u ma kienx hemm sinjali li jghidu li ma tistax tidhol hemm gew.

In kontro-ezami, x-xhud qal li missier Farrugia kien jahdem hemm ukoll bhala *driver.* Farrugia kien jahdem bhala *labourer* u jaghmel dak skond ma tqabbdu jaghmel u kien jaghmel xoghol ta' *plasterer.* Kien hemm il-boghod minn fejn kien qed jahdem u l-kamra fejn ha x-xokk. Ian Magro kien qallu li qatt ma kien ghamel *risk assessment* la verbali w lanqas bil-miktub, meta kien impjega lil Farrugia. Fil-fatt mir-*"records"* tal-Awtorita' jirrizulta li r-*risk assessment* tal-impjant fit-totalita' tieghu sar biss sentejn wara l-incident u cioe' fis-sena 2006. Ix-xhud qal li ma kienx qabel mall-konkluzzjoni tal-*process verbal.*

In ri-ezami x-xhud qal li l-fabbrika ma kienetx maghluqa w x' hin gara l-incident kien ghad hemm l-impjegati li kien ghadhom hergin. Ir-*risk assessment* kien jinvolvi ezami mediku tal-minuri ukoll skond l-Avviz Legali 91 tas-sena

2000. Ma jafx xi kwalita' ta' *training* kien inghata Farrugia. Qatt ma gew f' idejhom informazzjoni li kellu xi *training* kemm bhala *labourer* kif ukoll bhala *plasterer.*

**CHARLES MICALLEF** xehed li kien akkompanja lix-xhud precedenti fuq l-impjant ta' Asfaltar Limited wara li gara l-incident, dak in-nhar stess ghall-habta tas-7.30pm. Ix-xoghol ta' Farrugia kien li filghodu jaghmel xi *plastering* fuq xi difett fil-*culverts*. Ma jistax jikkonferma x' kien baqa' jaghmel hemm wara it-3.30pm. Meta kellmu lil Ian Magro, dan kien qalilhom li Farrugia mhux suppost li kien hemm gew fl-hin tal-incident. Meta kienu staqsewh jekk sarx *risk assessment* peress li Farrugia kien guvni ta' 16 il-sena, dan Magri kien irrisponda li le. Wiegeb ukoll li ma kienx baghtu jaghmel ezami mediku qabel ma impjegah. Lanqas ma rrizultalu li kien hemm tabelli li juru li nies mhux awtorizzati ma kellhomx jidhlu fil-kamra fejn kien hemm l-elettriku. Lanqas kien hemm salva vita. L-ghodda suppost li tkun maqfula go *store*. Irrizulta li l-*extension* li kien qed juza Farrugia kienet tal-impjant. Dwar it-tornavit ma jafx ta' min kien. Dan kien instab fuq il-post b' sinjali ta' harqa fuqu. Il-kamra kienet accessibbli ghal kullhadd. Meta marru fuq il-post kien hemm hafna nies. Ma kellhom ebda informazzjoni li l-vittma kien inghata *training*.

Mid-depozizzjoni ta' **ASTRID CASSAR PACE,** impjegata tal-MFSC**,** umbaghad irrizulta li sal-*annual return* tal-kumpanija Asfaltar Limited tal-24 ta' Settembru, 2004, id-diretturi tal-kumpanija kienu John Magro, Paul Magro u Michael Attard u li Stephen Thake kien il-*company secretary*. Ma kienx hemm tibdil hlief fil-2006 meta Michael Attard kien irrizenja minn direttur. Ian Magro ma jissemmiex.

Mix-xhieda ta' **PAUL AQUILINA**, addett tal-Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig (ETC) rrizulta li Christoipher Farrugia kien gie impjegat bhala labourer ma Asfaltar Limited fl-5 ta' Mejju, 2004 u temm l-impieg tieghu fit-22 t' Ottubru, tal-istess sena.

**L-APPELLAT IAN MAGRO** xehed li hu kien *plant manager* tal-kumpanija Asfaltar Limited fit-22 t' Ottubru,

2004. Ma kienx direttur. Farrugia kien gie impjegat bhala *labourer* u kien jaghmel xi xoghol ta' *plastering* tal-*culverts*. Meta kienu impjegawh huma kienu urewh x' ghandu jaghmel. Hemm xi 100 metru boghod minn fejn kien jahdem dan Farugia ghall-kamra fejn kien hemm l-elettriku. Hu ma kellux x' jaqsam ma din il-kamra. Hu qatt ma kien qabbdu jaghmel xi xoghol ta' elettriku wara l-hin tax-xoghol. Il-kamra fiha *control panel* u giet lesta minn barra mill-Ingilterra u huma kull ma kienu ghamlu kien li ghamluha fil-post. Giet lesta iwwirejatha. Kien hemm *circuit breaker* ghax iccekkjawh li kien hemm. Fejn il-plakka ezatt ma kienx hemm *circuit breaker* imma n-naha l-ohra fejn kien hemm il-*panels*, kien hemm *circuit breaker* ghal kull haga li topera l-*plant* tat-tarmac minnha. Hu ma kienx fl-impjant meta gara l-incident. Cemplulu u rega' dahal. Suppost li Farrugia spicca mix-xoghol fl-4pm. imma dan kien baqa' hemmhekk ghax peress li missieru kien jahdem hemm ukoll bhala xufier ta' *truck,* l-guvni kien qed jistennieh biex imur id-dar mieghu ghax hu ma kellux karozza biex imur. It-*truck* li kien isuq missieru mhux l-istess li kien qed jinnavika dwaru Farrugia.

In kontro-ezami, l-appellat xehed li dak iz-zmien kienu jimpjegaw bejn 60 u 70 ruh. Kellu kuntatt mal-impjegati imma xogholu ma kienx li jati *training. Job description* u x'inhu l-ahjar li jsir. Ghalkemm xoghol Farrugia kien ta' *labourer* kien kwazi xogholu kulljum jiksi dawk il-*culverts*. Kien fehmu kollox mill-A saz-Z kif ikahhal. Ma kienx ghamillu ezami mediku. Kien fehmu kif irid jaghmel ix-xoghol tal-kisi fuq il-*culverts*. Kien inghata *warning* u gie mkecci w dan ghax kont tqabbdu xi haga w ma jaghmilhiex. Missieru kien qalilhom biex jergghu jqabbduh u regghu qabbduh. Meta rega' dahal, kien inghata l-istess xoghol li kien inghata qabel. Il-kamra kellha *warning sign* mal-bieb li kien maghluq. Dak in-nhar il-bieb kien miftuh ghax fethu Farrugia stess u hallieh miftuh. Bil-miktub qatt ma kienu ghamlu xi cirkolari lill-impjegati biex ma jidhlux f' dik il-kamra imma verbalment iva, ghax din mhux kamra li jista' jidhol fiha kullhadd. Il-bieb kien ikun maghluq imma jekk tifthu, tista' tidhol. Dak il-hin il-bieb ma kienx imsakkar. Huma jahdmu sal-4pm. imma meta jkun hemm bzonn jahdmu aktar jahdmu *overtime*. Dak in-nhar kien

ghad hemm in-nies jahdmu jew ikunu dehlin mix-xoghol ta' fuq barra. Hu kien jaf li dan il-minuri jibqa' hemm biex imur lura d-dar ma missieru u li kien jaghmel hekk kulljum ossia jiddependi x' hin kien ilesti mix-xoghol missieru.

Ikkonsidrat;

Illi jigi emfasizat li l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellati mhumiex dawk ta' omicidju involontarju izda akkuzi li jaqghu taht il-Kap. 424 tal-Ligijiet ta' Malta w ir-regolamenti li saru tahtu, w senjatament l-Avviz Legali 91 tas-sena 2000.

Illi fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni bbazata fuq l-artikolu 6 (1) tal-Kap. 424, din hi manifestament pruvata ghaliex irrizulta li ma sarx ir-*risk assessment* li hija wahda mill-mizuri li jridu jittiehdu minn kull *employer* biex jizgura li jinzammu l-livelli ta' protezzjoni tas-sahha w sigurta' skond l-art. 6 (1) (2) (a) (b) (c) (d) (e) tal-Kap. 424.  Tajjeb li jigi rilevat li skond il-proviso ghas-subartikolu (1) l-obbligi tal-haddiema fil-qasam tas-sahha w sigurta' fuq il-postijiet tax-xoghol ma ghandhomx jeffettwaw il-principju tar-responsabbilta' ta' min ihaddem. Ghalhekk anki jekk jirrizulta - kif indubbjament irrizulta f' dan il-kaz- li Farrugia kien hu stess il-kagun ta' dak li gralu bil-fatt li inkonsultament ipprova jiftah *plug* meta kien *"live",* dan xorta ma jezimix lill-appellati mir-responsabillta' taghhom bhala *employers* minn-nuqqasijiet taghhom skond din il-ligi specjali.

Illi fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, din tirrizulta ukoll ghall-istess raguni li ma sarx ir-*risk assessment* li tinhtieg il-ligi fil-kaz ta' impieg ta' minuri taht it-18 il-sena skond ir-regolament 2, 3 (1) u (2) tal-Avviz Legali 91 tas-sena 2000. Din l-imputazzjoni pero' ma tirrizultax in kwantu hija bazata fuq nuqqas ta' taghlim jew tahrig li kellu jinghata lill-minuri. Dan ghaliex, kif xehed Ian Magro, meta kien gie assunt Farrugia, kien gie spjegat lilu kif irid jaghmel ix-xoghol ta' *plastering* li kien gie assenjat lilu bhala labourer. Ma kienx il-kompitu tal-employer li ukoll jati tahrig lil Farrugia kif jittanta jilghab biex izarma plakka *"live"* ghax dan ma kienx parti mix-xoghol assenjat lilu.

Fil-fehma ta' din il-Qorti, t-tielet imputazzjoni ma tirrizultax pruvata ghaliex fit-termini tar-regolament 4 (1) tal-A.L. 91 tas-sena 2000, ma rrizultax li ghax-xoghol ta' *labourer/plasterer*, li kien gie assenjat lill-minuri Farrugia, ma ttiehdux il-mizuri kontemplati f' dak ir-regolament. Jekk b' abbuz il-minuri dahal fejn ma kellux ghalfejn jidhol u ipprova jilghab ma sistema tal-elettriku li ma kellha x' taqsam xejn max-xoghol assenjat lilu w dan addirittura f' hin meta suppost hu kien spicca mix-xoghol u telaq lejn id-dar, izda ghall-konvenjenza tieghu baqa' hemm jistenna lill-missieru jwasslu d-dar, dan ma jirrendi lill-*employer* bl-ebda mod in vjolazzjoni ghal dan ir-regolament.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tilqa' l-appell tal-Avukat Generali limitatament u tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu lliberat lill-appellati mit-tielet imputazzjoni izda tirrevokaha in kwantu ma sabitx htija tal-ewwel u tat-tieni imputazzjoni w illiberat lill-appellati minnhom w minnflok issib lill-appellati fil-kapacita' taghhom li fiha gew citati, hatja ta' dawn iz-zewg imputazzjonijiet fis-sens u t-termini fuq spjegati, b' dana li minnhabba l-konkors formali jew ideali t-tieni imputazzjoni hija assorbita fl-ewwel imputazzjoni ghall-fini tal-piena u, wara li rat l-artikolu 38 (1)(2) u (3) tal-Kap. 424, tikkundanna lill-kull wiehed mill-appellati ghall-multa ta' erba mija w hamsa w  sittin Ewro u seba u tmenin centezmu (E465.87c) ekwivalenti ghall-mitejn lira Maltin (LM200) kull wiehed, liema multa, jekk ma tigix imhallsa minnufieh illum, tigi konvertita f' terminu ta' erbghin (40) jum prigunerija ghal kull wiehed mill-appellati, skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------